# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 14 ta' Dicembru 2001**

**Numru**

**Citaz. numru 942/95 DS**

Saviour Falzon

vs

Joseph Sammut

Illum, 14 ta' Dicembru 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-12 ta' Lulju 1995 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi fl-20 ta' Marzu 1995 fil-kazin ta' San Guzepp fir-Rabat, il-konvenut kapriccosament u bla ebda raguni valida ikkawza feriti fuq il-persuna ta' l-attur.

Illi minhabba tali feriti l-attur sofra u ser jibqa jsofri danni.

Illi minhabba l-agir tieghu il-konvenut huwa responsabbli jhallas danni lill-attur.

U billi l-attur interpella lill-konvenut sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mill-attur izda l-konvenut baqa inadempjenti;

talab lil din il-Qorti:

1. tiddikjara li l-konvenut ikkometta feriti fuq il-persuna tal-attur ghad-dannu ta' l-istess attur;

2. tillikwida d-danni hekk sofferti mill-attur;

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur id-danni likwidati minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez u bil-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra l-attur peress illi l-incident gara tort unikament ta' l-attur Saviour Falzon kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tas-17 ta' Jannar 1996 fejn gie nominat l-Avukat Dottor Joseph Azzopardi bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni debitament mahlufa;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Mill-provi jirrizulta li fl-20 ta' Marzu 1995 gara incident fil-Kazin ta' San Guzepp, ir-Rabat, fejn l-attur safa ferut f'wiccu mill-konvenut wara li dan xejjer daqqa ta' tazza f'wicc l-attur. L-attur qieghed konsegwentement jitlob li jigu likwidati d-danni minnu sofferti minhabba l-aatt tal-konvenut.

Il-perit legali rrelata wara li kien awtorizzat jghaddi ghar-rapport izda minghajr ma kien sema' l-provi tal-konvenut peress li l-konvenut ma kienx deher biex iressaq provi quddiemu. Sussegwentement, billi rrizulta li l-konvenut kien biddel l-indirizz tieghu, il-Qorti awtorizzat lill-istess konvenut biex jixhed kif ukoll biex jipproduci lill-mara tieghu u biex jaghmel kontro-ezami lill-attur.

Fir-relazzjoni tieghu l-perit legali qal hekk:

> *"Il-kaz ma jipprezenta ebda problema ghal dik li hi responsabbilta`. Il-konvenut xejjer daqqa ta' tazza lill-attur meta dan kien qieghed f'bar*

*ghall-affari tieghu. Jidher li l-istess konvenut ha xi impressjoni li l-attur kien qed jittanta lil martu, haga li l-attur jichad kategorikament. Izda anke li kieku dan kien il-kaz zgur li ma jiggustifikax l-agir tal-konvenut. Ghal kull bwon fini irid jinghad li l-esponent pero` jemmen li l-attur ma ghamel ebda mossa u kien il-konvenut li immagina dan".*

Kemm meta xehed quddiem il-perit legali kif ukoll in kontro-ezami, **l-attur** baqa' jichad li ghamel xi mossi lejn mart il-konvenut. Fil-fatt ighid li kien qieghed jiccajta ma' shabu meta gara l-incident. **Joseph Zammit** xehed li l-attur lanqas tkellem u pjuttost kien wahdu kwiet jixrob. **Joseph Micallef** xehed li kienu qed jiccajtaw ma' wahda jisimha Censa meta f'daqqa wahda l-konvenut ghadda minn warajh u kisser tazza u mar ghall-attur.

**Il-konvenut** sostna li meta dahal il-grupp ta' l-attur, dawn bdew jittantaw lill-mara tieghu; izda mbaghad illimita ruhu ghall-attur u qal li meta martu qamet minn postha l-attur qam u ghamlilha xi mossi. Hu ghalhekk mar biex ikelmu, xi hadd mill-hbieb ta' l-attur qallu xi haga, kellu tazza f'idejh, ghafasha u ta daqqa ta' ponn lill-attur. **Anna Sammut** ukoll sostniet li meta dahal dan il-grupp fil-kazin u ordnaw drink bdew jaghmlu l-mossi lejha. Ghalhekk qalet lill-habiba taghha biex imorru u lit-tifla biex tghid lil missierha (il-konvenut).

Minn ezami tal-provi, u wara li l-Qorti kellha l-opportunita` li tisma' lill-konvenut u lil martu kif ukoll lill-attur in kontro-ezami, hija tal-fehma li l-perit legali ghamel apprezzament tajjeb tal-provi. Dak li gara fil-Kazin ta' San Guzepp kien kollu rizultat ta' xorb zejjed li jsahhan l-irjus, ikabbar l-impressjonijiet dwar dak li fil-verita` qieghed jigri madwarek, u jtellef il-kontroll shih fuqek innifsek.

Filwaqt li ma jistax jigi eskluz li l-grupp ta' l-attur kienu qeghdin jaghmlu xi mossi minhabba l-ammont sostanzjali ta' xorb li jidher li kienu hadu (ghalkemm l-attur ighid li tnax-il flixkun birra jiflahhom!) il-konvenut stess – li tant irrabja li sahansitra ta daqqa ta' ponn lill-attur minhabba mossa – xehed dwar il-mossa li suppost ghamel l-attur: *"Mar, ghamel xi haga hekk, qabad il-maktur, issa ilu naqra, insejt kif kienet ezatt il-mossa"*. Imbaghad li *"beda jaghmel b'sidirha hekk"*. U Anna Sammut tghid li dan il-grupp bdew jehmzu u xi hadd beda johrog ilsienu (ma tghidx li kien l-attur li ghamel hekk); dwar l-attur tghid li huwa ghamel xi mossi ghax mal-grupp kien u kollha bdew jaghmlu. Izda ma ssemmi xejn dwar il-mossa li semma' zewgha!

Jista' jkun li l-istorbju ta' dan il-grupp zghazagh kien qieghed idejjaq lil mart il-konvenut. Jista' jkun ukoll li kien hemm min ghamel xi mossi lejha. Izda bhall-perit legali mhijiex soddisfatta li l-attur ghamel xi mossa. Jidhrilha wkoll li anke jekk ghamel xi mossa, dan ma jiggustifikax lill-konvenut li jxejjer go wicc l-attur bit-tazza u jikkagunalu l-feriti li fil-fatt ghamillu. Ghalhekk il-konvenut ghandu jwiegeb ghad-danni konsegwenzjali.

Il-perit legali llikwida s-somma ta' tlett elef liri Maltin (Lm3,000) u dan wara li kkunsidra dizabilita` fl-ammont ta' 6% skond ir-rapport ta' l-espert *ex parte* Dr. Joseph E. Briffa, dhul medju ta' Lm2,000 fis-sena, u *multiplier* ta' 25 sena.

Issa fil-kaz in ezami, trattandosi ta' dizabilita` permanenti minhabba sfregju, filwaqt li huwa veru li din it-tip ta' dizabilita` mhijiex se twaqqfu milli jahdem, pero` taghlaqlu l-opportunita` ghal diversi possibiltajiet ta' xoghol u ghalhekk ma jistax ma jigix ikkunsidrat l-aspett ta' *lucrum cessans* kif jidher li qieghed jippretendi l-konvenut.

Mir-*returns* ta' l-*income tax* li ssottometta l-attur jidher li d-dhul gross ghas-sena 1996 kien ta' Lm2612 filwaqt li dak tas-sena ta' qabel kien ta' Lm2683. Ghall-finijiet tal-komputazzjoni taghha l-Qorti se tiehu dhul annwu medju ta' Lm3000 meta wiehed jikkunsidra z-zidiet li jinghataw minn zmien ghal zmien fil-pagi, inkluz zidiet ghall-gholi tal-hajja. L-attur kellu 26 sena meta gara l-incident izda fic-cirkostanzi jidhrilha li *multiplier* ta' 20 sena huwa aktar gust. Ghalhekk il-*lucrum cessans* irid jinhadem hekk:

Lm3,000 x 20 x 6% = Lm3,600.

L-incident gara fl-20 ta' Marzu 1995 u c-citazzjoni gietipprezentata fit-12 ta' Lulju 1995. Il-kawza qed tigi deciza ftit aktar minn sitt snin wara. Fic-cirkostanzi ghandu jsir tnaqqis bhala *lump sum payment* ta' 15% u mis-somma ta' Lm3600 titnaqqas is-somma ta' Lm 540 biex jibqa' bilanc ta' Lm 3060, f'liema somma qed jigu likwidati d-danni li ghandhom jithallsu lill-attur.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk:

(1) tiddikjara li l-konvenut ikkommetta feriti fuq il-persuna ta' l-attur ghad-dannu ta' l-istess attur,
(2) tillikwida d-danni hekk sofferti fl-ammont ta' Lm3,060, u
(3) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur din is-somma ta' Lm3,060 bl-imghax millum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Onor. Imhallef

Dottor David Scicluna

D/Registratur